Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

7 ta' Jannar 2016

**Id-Disa' u Erbgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2016 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Konsultazzjoni pubblika dwar:
   (a) l-gholi tal-bini ta' djar ghall-anzjani;
   (b) linji gwida supplimentari fuq *shooting ranges*; u
   (c) l-impatt ta' postijiet użati għal qima religjuża.
6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar il- Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi.
7. Sejħiet għall-Offerti dwar:
   (a) *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;
   (b) *Contract Management* – Resurfacing ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;
   (c) Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna;
   (d) Żamma u Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Postijiet Oħra;
   (e) Tindif ta' Toroq Mhux Urbani;
   (f) Issettjar u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill; u
   (g) *Contract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari
8. Estimi 2016

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_49.docx

## MOZZJONI

**6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, li tgħid:**

**"Peress li skada l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi, mħaddem minn Absolute Cleaners Ltd skada u għaldaqstant saret sejħa għall-offerti (8/2015) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi s-seba' offerti li saru ġew evalwati fid-dettal mit-*Tender Adjudication Board*, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tat-12 ta' Novembru 2015;**

**Billi saru intervisti lill-offerenti li qabżu t-*threshold* tal-ħlasijiet li jaqgħu fil-prekarjat stabbiliti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi skont rapport datat 16 ta' Diċembru 2015; u**

**Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2016, il-Kunsill allokata fondi sabiex jintefqu fuq is-servizz in kwistjoni taħt il-vot 3053;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Antoine Fenech għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, bir-rati inklużi fl-offerta tagħhom.". (L/3/Vol II)**

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo | Emvin Bartolo |
| Viċi Sindku | Kunsillier |
| **Proponent** | **Sekondant** |